Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 387 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Carlos Cordina

Spettur Melvin Camilleri

Vs

Charles Farrugia

Illum 18 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Charles Farrugia detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 321378 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F'diversi lokalitajiet f'Malta fid-29 ta' Novembru 2014 u fil-granet ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. Naqas milli jhares xi wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri fid-digriet taghha ta' nhar it-18 t' April 2013 li bih inghata helsien mill-arrest taht garanzija;

2. Fil-lejl ta' bejn l-20 u il-21 ta' Novembru 2014, minn vettura li ghandha numru tar-registrazzjoni BBP497 u minn vettura li ghandha numru tar-

registrazzjoni FBR062, fi Triq Ta' Xlejli, Il-Gudja, ikkommetta serq ta' fuel ghal-ammont ta' €60, ghad-detriment ta' Dylan u Daniel Baldacchino mill-Gudja, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

3. Fit-22 ta' Novembru 2014 bejn nofs il-lejl u ghaxar minuti (00.10hours) u il-hamsa u ghoxrin minuta (05.20) minn Triq Luqa Briffa, Iz-Zejtun, ikkommetta serq ta' vettura Isuzu ELF li ghandha numru tar-registrazzjoni CAT 286 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin;

4. Fil-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' Novembru 2014, minn Triq Beland, iz-Zejtun, ikkommetta serq ta' vettura Suzuki Samurai li ghandha numru tar-registrazzjoni EAD 376 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-hin;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanza biddel jew halli li jigi mibdul in-numru tar-regsitrazzjoni tal-vettura EAD 376 moghti mill-Awtorita tat-Trasport;

6. Fil-lejl ta' bejn l-26 u il-27 ta' Novembru 2014, minn vettura li ghandha numru tar-registrazzjoni SPN 002, fi Triq Taltas, izZejtun, ikkommetta serq ta' fuel ghal-ammont ta' €110, liema delitt huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Salvatore Spagnol;

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanza volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharrraq hwejjeg haddiehor b'valur ta' €85 fuq vettura li ghandha numru tar-registrazzjoni SPN 002 ghad-detriment ta' Salvatore Spagnol;

8. Fis-26 ta' Novembru 2014 ghal-habta tas-sebgha u nofs ta' fil-ghaxija (19.30 hours), fi Triq Hompesch, Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta' flus ghal-ammont ta' €70 ghad-detriment ta' Clint Gouder u Kylie Riolo u/jew persuni ohra liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-vjolenza;

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanza ghamel griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Kylie Riolo;

10. Fis-27 ta' Novembru 2014 ghal-habta tal-23.00, f'Bulebel, iz-Zejtun xjentement bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' delitt ta' serq ta' fuel minn go fabbrika MCL Components, Il-Qasam industrijali ta' Bulebel, ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-hin u bin-natura tal-haga misruqa, ghad-dannu ta' MCL Components Ltd. u/jew persuni ohra;

11. Fit-28 ta' Novembru 2014 ghal-habta tal-hdax u nofs (11.30 hours), minn go vettura li ghandha numru tar-registrazzjoni BBT 379 fi Triq il-Bacir, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' fuel ghal-ammont ta' €230, ghad-detriment ta' Steel Structures Ltd u/jew persuni ohra;

12. Fis-29 ta' Novembru ghal-habta tan-nofs siegha ta' filghodu (00.30 hours) fi Triq id-Duluri iz-Zejtun, xjentement bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' delitt ta' serq ta' vettura Isuzu KB li ghandha in-numru tar-registrazzjoni CBG 736, ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta' Alan Spiteri miz-Zejtun;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-1 ta' Dicembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 41 (1) (a), 221, 261 (a) (c) (f) (g), 262 (1) (a), 267, 270, 271, 284, 325 (1) (c), u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 27 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghall-ewwel

imputazzjoni ikkundannatu multa ta' hames mitt Euro (€500) li ghandha tithallas fi zmien sena u ghall-imputazzjonijiet l-ohra ikkundannatu sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 gew sospizi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 poggiet lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu ta' sentejn (2) bil-kundizzjonijiiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 ordnat lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lill-parte leza is-somma komplessiva ta' hames mija hamsa u hamsin Euro (€555).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Ikkunsidrat,

Rat illi b'sentenza moghtija nhar l-1 ta' Dicembru 2014 l-akkuzat appellant kien instab hati tar-reati kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u wara li rat l-artikoli tal-ligi ikkundannatu dwar l-ewwel imputazzjoni ghal hlas ta' multa ta' hames mitt euro ( €500) u ghall-imputazzjonijiet l-ohra ikkundannatu ghal sentejn prigunerija (2) sospizi ghal erbgha (4) snin b'appliakzzjoni ta' l-artikolu 28A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. In oltre b'applikazzjoni tal-artikolu 28G tal- kap 9 poggiet lill-imputat taht Ordni ta' Supevizjoni ghal perijodu ta' sentejn (2) bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment u b'applikazzjoni tal-artikolu 28H tal-kap 9 ordnat lill-imputat sabiex fi zmien sitt xhur ihallas lil parte leza is-somma komplessiva ta' hames mija, hamsa u hamsin euro ( €555).

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri fkaz lijonqos li josservaha.

Il-Qorti esaminat l-Ordni ta' Supervizjoni annessa mas-sentenza esebita fl-atti a fol. 55 u nnutat li l-kunidizzjonijiet imsemmija fl-Ordni ta' Supervizjoni kienu s-segwenti.

1."*Li matul dan il-perijodu, il-hati igib ruhu tajjeb joqghod ghad-direttivi kollha tal-ufficcjal sorveljanti inkluz direttivi dwar il-hbieb li jzomm u l-postjiet li jiffrekwenta kif ukoll jekk ikun il-kaz il-hati ghandu jiehu conselling li jista jkun mehtieg dwar ir-reati li dwarhom instabet hatja u l-vitmi taghhom u lejn il-kriminalita in generali.*

*2.Li l-hati jibqa f'kuntatt ma l-ufficcjal sorveljanti skond dawk l-isturzzjonijeit li jista minn zmien ghal zmien jinghata mill-imsemmi ufficcjal, u li tavza lill-imsemmi ufficcjal b'kul tibdil fl-indirizz taghha.*

*3. Li jircievi visiti mill-ufficcjal sorveljanti gewwa r-residenza tieghu u fuq l-post tax-xoghol tieghu skond id-direttivi ta' l-istess ufficcjal sorveljanti.*

*4.L-ufficcjal sorveljnati ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux inqas minn darba kul sitt xur dwar l-imgieba tal-hati".*

Rat in-nota prezentata mis-Senior Ufficcjal tal-Probation Carmen Nygard nhar id-9 ta' Dicembru, 2014 (fol. 57) fejn il-Qorti tal-Magistrati giet mgharfa li l-ufficcjal sorveljanti f'dan il-kaz kienet il-probation officer Marilyn Formosa.

Rat in-nota ta' l-ufficcjal sorveljanti datata 25 ta' Mejju, 2016 ( fol. 58) fejn infurmat lil Qorti li nhar id-19 ta' Dicembru, 2014 u cioe wara li kien inghata is-sentenza fejn kienet giet nominata bhala Ufficcjal Sorveljanti l-imputat illum appellant gie mixli fost affarijiet ohra b'serq ta' vettura u ta' fuel kif ukoll bi ksur ta' din is-sentenza sospiza liema kaz kien qed jinstema quddiem l-allura illum Imhallef Aronne Bugeja. Ftit tax-xhur wara nhar it-12 ta' April, 2015 huwa rega gie akkuzat quddiem il-Magistrat Antonio Micallef Trigona b'numru ta' serqiet u inzamm arrestat ghal madwar sena gewwa l-Facilita korettiva ta' Kordin.

Matul il-perijodu ta' inkarcerazzjoni l-imputat dejjem sostna li xtaq isegwi programm riabilitattiv kontra l-abbuz ta' droga offrut mill-Agenzija Sedqa u kien hemm kollox ippjanat u ppreparat sabiex kif ikollu l-opportunita huwa jkun jista

jibda il-programm minghajr dewmien. Madankollu wara li huwa inghata l-liberta provisorja nhar l-14 ta' April, 2016 l-imputat naqas li jimxi ma dan il-pjan.
L-imsemmi sahaq li ma hass il-htiega li isegwi programme residenzjali ghar-riabilitzzjoni mill-abbuz ta' droga u li minflok beda jahseb sabiex isegwi l-evening programme sabiex ikun jista jiehu f'idejh in-negozju ta' missieru u dan ta' l-ahhar ikun jista jieqaf bil-pensjoni u jistrieh. Ghalkemm gie diskuss mieghu l-importanza li jattendi program residenzjali hekk kif kien pjanat sabiex huwa jkun jista' jzomm it-triq stabbli li kien qieghed fiha meta kien fil-Facilita ta' Korettiva ta' Kordin, huwa baqa' issotni li ma xtaqx jaghmel dan u beda kuntatt gdid mal-key worker Leon Madden fi hdan l-agenzija Caritas. Qalet ukoll li jekk l-imputa jinstab posttiv ghal sustanzi illeciti d-data se tkun dejjem aktar ' l boghod u dan specjalment wara li fl-ewwel appuntament mieghu Charles Farrugia ammetta li kien ghamel uzu mis-sustanza tal- kokaina .

Wara l-helsien mill-arrest l-imputat attenda ghal tlett sessjonijiet gewwa l-Ufficcju tal- Probation u Parole fejn ittiehdu testijiet tal- awrina. L-ewwel test li ttiehed nhar it-28 ta' April, 2016 irrizulta fin-negattiv ghas-sustanzi illeciti. Nhar id-9 ta' Mejju, 2016 meta ntalab biex jissottometti ruhu ghat-test tal-awrina gie innutat mill-infermier li l-kamojun mighti ma kienx tieghu . Huwa gie konfrontat fuq dan izda ghal bidu huwa baqa' isotni li kien tieghu, Huwa intalab jissottometti ruhu ghal test iehor fejn ghall-ewwel beda isib l-iskuzi ghalfejn ma setax jaghti kampjun tal-awrina sakemm fl-ahhar ammetta li kien abbuza mill-kokajina il-gurnata ta' qabel u li l-kampjun tal-awrina li kien ta' ma kienx tieghu. Fit-18 ta' Mejju, 2016 rega instab posittiv ghall-presenza ta' kokaina. Huwa sahaq li ma kienx qed jghamel uzu fil-granet ta' qabel u l-ahhar darba li kien ghamel uzu kien fid-9 ta' Mejju 2016. Ghalhekk il-kampjun intbaghat gewwa l –laboratorju ta' l-isptar Mater Dei ghat-testijiet ulterjuri u gie konfermat lil-kampjun kien posittiv ghal sustanza kokaina.

Fir-rigward tax-xoghol ghalkemm l-ikkoncernat jisthaq li qieghed jahdem fin-negozzju ta' missieru a bazi full time dan ma jirrizultax mir-records mahruga mill

Korporazzjoni tax- Xoghol u Tahrig illum Jobplus. L-ahhar xoghol registrat li kellu jmur lura ghal Frar 2014.

Kien a bazi tas susespost li pprezentat iddenunzja tagahha .

Illi in segwitu l-ewwel Qorti ghaddiet biex trendi esekutiva is-entenza taghha tal-1 ta' Diembru 2014 u dan b'sentenza taghha tat-18 ta' Lulju 2016 u rodnat li s-sentejn prigunerija sospizi jigu rezi operattivi minufih.

L-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell .

Rat ir-rikors tal-appellanti Charles Farrugia minnu pprezentat fit-22 ta' Lulju, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi:

a. Thassar u tirrevoka s-sentenza tat-18 ta' Dicembru 2016; jew
b. fl-eventwalita` li tikkonferma li l-ordni ta' supervizjoni huwa validu skond il-ligi u li ksur ta' l-ordni kien hemm, li tvarjaha in kwantu l-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

a. Punt ta' dritt in konnessjoni ma' l-ordni ta' supervizjoni.

L-artikolu 28 G (2) tal-Kodici Kriminali, jesigi sine qua non li l-isem tal-ufficjal ta' sorveljazna jitnizzel b'mod specifiku fl-ordni moghtija. Di fatti, r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, fl-ezercizzju tieghu sabiex jghin fl-amministrazzjoni tal-

gustizzja penali, meta fassal il-formoli relattivi li jemergu mil-Kodici Kriminali, fil-formola relattiva ghall-artikolu 28G(2) tal-istess Kodici, kiteb testwalment:

"taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Supervizjoni ............ taht dawn il-kondizzjonijiet:"

L-ispazju vojt u mmarkat bil-puntini, thalla hekk proprju sabiex jitnizzel isem l-ufficjal ta' supervizjoni skond ma tirrikjedi l-ligi sine qua non. Huwa mehtieg sine qua non stante l-applikazzjoni tal-principju ubi lex voluit, dixit.

Fl-atti jirrisulta li l-ufficjal ta' supervizjoni li kellu jsegwi lill-esponenti, giet identifikata nhar id-9 ta' Dicembru 2014 [folio 57 tal-atti] u dana wara li d-Dipartiment tal-Probation u Parole gew notifikati bis-sentenza relattiva nhar it-2 ta' Dicembru 2014 [vide folio 51 top right corner].
B'hekk tenut kont li l-Ordni ta' Supervizjoni [folio 55 tal-atti processwali] mhux talli ma hemmx l-isem tal-ufficjal ta' supervizjoni, izda talli l-ispazju gie ngassat, tali ordni huwa null u bla effett u dana stante li d-dettami tal-ligi ma gewx osservati u applikati.

Bl-applikazzjoni tal-principju quod nullum est, nullum producit effectum, galadarba, l-ordni huwa null stante li monk, ma jista` qatt jkun hemm ksur tieghu u b'hekk, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tghaddi sabiex tirrendi effettiva s-sentenza minnha sospiza.

b. Punt ta' dritt in konnessjoni mal-kalibrazzjoni tal-piena fis-sentenza tal-1 ta' Dicembru 2012

Minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, ghandu jigi mfakkar li minkejja li dan il-kaz si tratta ta' ammissjoni, l-Qorti tal-Magistrati meta rinfaccjata b'ammissjoni ghandha l-obbligu li meta dan isehh, trid tara jekk il-fattispeci tal-kaz jinkwadrawx ruhhom proprju fl-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat. Vide f'dan is-sens fost l-ohrajn il-kawza "Il-Pulizija vs Abdul Hamd Tlass", deciza mill-

Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali per il-Prim Imhallef emeritus Dr. V. De Gaetano fit-12 ta' Frar 2008.

Bir-rispett jinghad kif l-Ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza taghha ta' nhar l-1 ta' Dicembru 2014 naqset milli tapplika l-artikoli 337(2)(b)(i)(ii) tal-Kodici Kriminali in kwantu numru ta' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, kif ukoll naqset milli tapplika l-artikolu 337(3) tal-Kodici Kriminali in kwantu numru ta' imputazzjonijiet ohra migjuba kontra l-esponenti, kif ukoll ma kienx hemm il-konferma tal-kwerla in kwantu tal-imputazzjoni numru 9.

Artikoli dawn li huma drittijiet tali hati, li proprju minhabba li jkun irritorna l-oggett misruq qabel u/jew waqt il-proceduri penali, l-piena mposta ghandha tigi ridotta sia b'zewg gradi u sia bi grad.

Ghaldaqstant aktar u aktar ghandha l-obbligu impost fuqha il-Qorti tal-Magistrati li l-iskrutinju taghha ikun serju u strett meta tigi biex taccetta l-istess. Tant huwa hekk, illi l-gurisprudenza nostrana tishaq illi meta l-Qorti tal-Magistrati tigi rinfaccjata b'ammissjoni, l-istess gurisprudenza u l-Kodici Kriminali jesigu li l-Qorti taghti l-opportunità lill-istess "hati" sabiex, wara li jinghata hin adegwat, jerga' jirrikonferma l-istess ammissjoni.

Akatar u aktar jiehu xejra importanti dan it-tghallim tal-Qorti ta' l-Appell meta bhal kaz odjern il-hati ser jigi ttratta mil-gdid in segwitu tal-procedura kontemplata fl-artikolu 28G(9) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jekk sehh zball darba ma ghandux tali zball jirrepeti ruhu darb'ohra meta issa l-piena li ser tigi mposta hija wahda karcerarja.

c. Dwar il-piena

Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-esponenti jishaqq illi tenut kont dak li emerga mid-deposizzjoni tal-ufficjal ta' sorveljanza, kif ukoll fid-dawl tal-

insenjamnet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija v. Jeffrey Cassar [deciza nhar is-6 ta' Dicembru 2012], fid-dawl tal-ampji poteri moghtija lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudfikatura Kriminali, li mponiet l-ordni ta' supervizjoni, bis-sahha tal-artikolu 28G(9) tal-Kodici Kriminali, l-esponenti jikkontendi li l-ksur minnu maghmul ma huwiex wiehed serji b'mod tali li jimmerita li jigu punit billi s-sentenza sospiza moghtija fil-procedimenti li fihom sar l-ordni tas-supervizjoni tibda ssehh, izda semmai, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha minghajr hsara ghall-kontinwazzjoni tal-ordni, twahhal lill-esponenti ammenda ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghal kull nuqqas .

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba."

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza wkoll ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi, wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta.

Fil-kaz odjern l-esponenti ma kienx mixli bhala recidiv u kwindi hekk ghandu jigi ttrattat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni ta' Probation.

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Farrugia: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna

mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."

Ghandu jinghad illi s-sottomissjonijiet dwar il-piena li saru ghan-nom tal-esponenti, fl-umli fehemha tal-esponenti joholqu bilanc gust bejn ir-riforma tal-persuna u l-ghotja lura lis-socjeta` tad-dannu minnha soffert li nholoq b'dan il-kaz u fl-istess hin ikun hemm kontroll fuq l-esponenti sabiex timminimizza l-probabilita` li huwa jirkadi fi triq hazina.

Illi dan kollu qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi llum anke persuna illi effettivament tigi kkundannata ghal piena karcerarja, tinghata kull opportunita possibli, u dan bl-introduzzjoni tal-parole, fejn parti mill-piena biss tigi skontata fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

Ikkunsidrat,

Fit-28 ta' Gunju, 2019 l-ufficcjal tal-Probation Marylin Formosa pprezentat rikros iehor fejn infurmat lil Qorti li l-imputat rega inqabad iqarraq bis-sistema tal-ittestjar tal-awrina nhar il-Hamis 23 ta' Gunju, 2016. Qalet ukoll li minkejja l-akkuzat beda jattendi ghal sessjonijiet ma' Leon Madden gewwa l-Caritas huwa xorta ghadu jghamel uzu minn sustanzi illeciti. Fil-fehma taghha Farrugia qed juri nuqqas ta' onesta u ko-operazzjoi minhaba li mhux qieghed jobdi d-direttivi tal-Ufficcjal tal-Probation sabiex jiehu l-kura mehtiega minhabba l-abbuz tad-droga.

Fit-18 ta' Lulju 2016 xehdet l-Ufficjal tal-Probation Marilyn Formosa fejn ikkonfermat ir-rapport li kienet ipprezentat il-qorti nhar il-25 ta' Mejju, 2016. Sahqet ukoll li meta fl-4 ta' Lulju, 2016 u fl-14 ta' Lulju, 2016 Farrugia mar is-Sedqa sabiex jindirizza il-problema tieghu ta' abbuz ta' droga ammetta li kien ghadu qed jaghmel uzu mis-sustanza tal-kokajina. Qalet li kien talab biex ibiddel il-programm residenzjali tas-Sedqa ma programm evening mal-Caritas biex jiffoka fuq ix-xoghol pero dan ma kienx minnu ghaliex missieru kien lest li jissaportih u ma jhadmux mieghu sakemm jghamel il-programm u wara kien lest li itih il-business f'idejh.

Fit-18 ta' Luljju, 2016 l-Qorti ordnat li s-sentenza sospiza moghtija lilu fl-1 ta' Dicembru 2014 tigi reza operattiva u dan ghaliex l-appellant ma kienx qed jirregistra progress u di piu minkejja l-isforzi kollha li ghamlet l-Pprobtion Officer, l-appellant Farrugia ma ghamel xejn effettiv da parti tieghu biex jilqa' l-ghajnuna li kienet qed tinghatalu.

L-appellant fir-rikors tal appell tieghu jghid li l-formola annessa mas-sentenza ta' l-1 ta' Dicembru 2014 hija nulla ghaliex ma hemmx indikat minn kien l-probation officer li kien gie appuntat u hemm biss puntini vojta fil-formola. Dwar dan l-aggravju pero' din il-Qorti ma taqbilx u dan ghaliex l-appellant kien mgharraf min kienet l-ufficcjal tal-probation tant li zamm kuntatt maghha u kien jiltaqa' maghha pero minkejja l-isforzi taghha l-appellant ghogbu ma jikkoopeax maghha u ma jaqtax il-vizju mishut tieghu tat-tehid ta' drogi. Din mhiex kwsitjoni ta' quod nullum est nullum producit. Jinghad li l-appellant kien jaf li inghata sentenza sospiza, kien jaf li ghandu kundizzjonijiet annessi mas-sentenza sospiza izda ma tax kaz u baqa' jisfida lil Qorti u jkompli jabbuza mid-droga. Dan hu inaccetabli ghal Qorti, li l taghti cans lill-appellant u tpoggi l-fiducja taghha fih u l-appellant jghogbu jinora tali fiducja u jkompli fi triqtu dik ta' kriminalita.

Fit-tieni aggravju l-appellant jghamel referenza ghal fehma tieghu ghal xi nuqqasijiet fis-sentenza li naghta fl-1 ta' Dicembru, 2014. Jinghad li din mhiex appell minn dik is-sentenza izda appell mis-sentenza meta s-sentenza sospiza giet reza operttiva u

cioe appell mis-sentenza tat-18 ta' Lulju, 2016. Galhekk is-sottomissjonijeit tieghu dwar il-piena mhumiex f'lokhom f'dan l-appell peress li l-piena kienet gja giet stabilita bis-sentenza meta l-appellant kien instab hati.

Il-Qorti rat li dan l-appell dam pendenti quddiem din il-Qorti u dan ghaliex kien gie appuntat quddiem din il-Qorti diversament preseduta u minkejja numru ta' seduti ma inghatatx sentenza.

Rat pero' li nhar il-21 ta' Frar, 2019 regghet xehdet il-Probation Officer Marilyn Formosa u kkonfermat li kienet hi li pprezentat id-denunzja u kkonfermat li minn dak in-nhar 'l qudiem l-appellant xorta baqa' jabbuza mid-droga. Qalet li kien dahal jghamel program f'Awwissu 2016 pero dam sa Frar 2017 u ggradwa f'Awwissu 2017 u ghamel ftit xhur stabbli sa Novembru, 2017. Wara dan iz-zmien pero' l-appellant rega beda jabbuza bid-droga tant li fi Frar 2018 is-sitwazzjoni bdiet tiddeterjora hafna fejn l-uzu tad-droga kokaina rega gie kostanti. Gie gwidat biex jghamel kuntatt mal-key worker li kellu fil-programm izda dan kien kollu ghal xejn ghaliex ma riedx. F'Dicembru 2018 rega gie arrestat u ghamel sitt gimghat fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u wara li hareg mill-habs naqas li jattendi ghall-appuntament li kellu maghha nhar it-22 ta' Jannar, 2109 . Naqas ukoll li jattendi ghall-appuntament tas-7 ta' Frar 2019 u anke ghall-appuntament tat-18 ta' Frar, 2019. Attenda biss ghall-appuntament wiehed li sehh fil-15 ta' Frar, 2019 fejn it-test tal-awrina li ittiehdet dakinhar ta' rizultat posittiv ghas sustanza kokaina.

Nhar it-22 ta' Mejju, 2019 il-Probabtion Offier regghet xehdet u kkonfermat li l-appellant kien ghadu qed jabbuza mid-droga. Qalet li haditlu test iehor fit-8 ta' April 2019 u dan ta' rizultat posittiv ghall-presenza ta' drogi (vide rizultat esebit fl-atti). Qalet li fis-16 ta' April, 2019 rega gie arrestat u marret tarah fil–Facilita Korrettiva ta' Kordinu dan rega wera x-xewqa li jghamel program mas Sedqa. Pero' cio nonnostante ma jridx jaqta'mil-vizju mishut tad-drogi.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat illum appellant u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li m'ghandhiex taghti cans lill-appellant sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta minkejja li hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu ma humiex genwini. L-appellant inghta hafna cansijiet biss biss bizzejjed jinghad li da nil-kaz sehh fis-ena 2014 u illum ames snin wara ghadna qed narw li l-appellant ghau ghaddej bil-vizju ta-droga. Anzi illum il-gurnata is-sitwazzjoni hija hafna aghar u dan ghaliex min dak in-nhar li tressaq il-Qorti ' l hawn l-appellant ghamel program ggradwa u xort baqa' ghaddej b'din il-problema ta' abbuz ta' doga.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-appell tal-appellant u tikkofnerma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar it-18 ta' Lulju 2016 u ghalhekk tordna li s-sentenza fejn l-appellant gie kkundannat jghamel sentejn prigunerija sospizi jigu rezi operattivi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur